TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 23/14/GB

**Raymond Farrugia u Elizabeth Woodhead**

**vs**

**Paolo Zahra – Tutto Per Lo Sport**

Illum 2 ta' April 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-prezz li thallas ghal 'toilet commode' li nxtara minghand l-intimat, liema 'toilet commode' kien difettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Hu r-rikorrent Farrugia kien xtralu 'toilet commode' minghand l-intimat fis-16 ta' Ottubru 2013 ghall-prezz ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00). Illi l-imsemmi 'toilet commode' kien difettuz mill-bidunett, tant illi l-intimat kien biddel tali 'toilet commode' flimkien mal-wara ta' l-istess. Illi pero', it-tieni 'toilet commode' rega' kien difettuz. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti qed jitolbu illi jinbidel it-'toilet commode' ghal wiehed gdid, jew li jinghataw lura il-flus li thallsu ghall-istess.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qieghed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti ghaliex ir-rikorrenti rcevew minghandu il-prodott tajjeb u kollox jahdem, u kienu kuntenti wara li kien gie ppruvat. Ma' l-ewwel ilment taghhom, l-intimat ra kif ghamel u qdiehom allavolja huwa ma kellu l-ebda tort ghall-hsarat li kien hemm fil-'commode', ghaliex il-hsarat kienu saru bi traskuragni jew b'xi incident fejn

waqa' xi haga fuqu. Wara li l-intimat kien qdiehom lir-rikorrenti, ftit zmien wara kienu regghu ghamlu l-istess ilment. L-intimat ihoss illi r-rikorrenti ghandhom jiehdu hsieb li jzommu l-'commode' *f'kundizzjoni tajba u jibzghu ghalih.*

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.RF1. Ir-rikorrenti ezebew ukoll il-'commode' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa dokument bl-ispecifikazzjonijiet tal-'commode' in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.PZ1. L-intimat ezebixxa wkoll l-ewwel 'commode' difettuz li kien biegh lir-rikorrenti *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota wkoll illi, fuq ammissjoni tieghu stess, l-intimat ma marx fuq il-post it-tieni darba sabiex jivverifika l-ilment tar-rikorrenti, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parte ta' l-intimat fir-rigward tar-rikorrenti konsumaturi. It-Tribunal jinnota wkoll mill-provi prodotti *animo ritirandi,* illi t-'toilet commode' in kwistjoni huwa fil-fatt difettuz u certament mhux tal-kwalita' pattwita. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00) lir-rikorrenti, b'dan illi r-rikorrenti ghandhom jirritornaw it-'toilet commode' in kwistjoni lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**